**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

**27 t' Settembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 28 t' April 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 51 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **51.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **51.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 51.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 50, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar |
| **51.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 51.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar il-laqgħa tar-riforma tal-Gvern Lokali fejn wieħed mill-punit li ġew diskussi kien il *Leave* Speċjali li kunsillier għandu jieħu sabiex immur laqgħat oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kunsill u mhux biss il-*leave* tal-laqgħat tal-kunsill ta' darba fix-xahar. |
| 51.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Kunsill ħareġ Ċirkulari fil-25 t' Ottubru 2022 fejn informa lil residenti li ix-xogħol fi Triq il-Vitorja ser jibda fis-27 t' Ottubru 2022. Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-servizzi tal-ilma l-antiki inqalgħu u saret trinka għal cable tad-dawl sabiex ikun hemm aktar saħħa. Ix-xogħol qed issir kantuniera , kantuniera sabiex ma tinqalax it-triq kollha f'daqqa u ix-xogħol mixi sewwa. |
| 51.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kuntrattur ta' Triq Sant Anġlu kompla is-servizzi tal-ilma u din il-ġimgħa għandu jwitti it-triq bil-konkos. |
| 51.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li hemm laqgħa mill-Infrastructure Malta fit-2 ta' Novembru 2022. |
| 51.03.05 | Iż-Żgħażagħ resqu rapport lil-Kunsill Lokali tal-Isla dwar l-esperjenza li ħadu mill proġett Engage Connect Empower |
| 51.03.06 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv u l-kunsilliera Joline Attard attendew għall-Konferenza EIT ġewwa l-universita ta' Bormla. Is-Sinkdu informa lil kunsilliera li l-Kunsill applika mal-lands bl-applikazzjoni LC1 sabiex jiġi notifikat jekk il-biċċa art fi Triq il-Ponta taqax tal-privat jew tal-Gvern. |
| 51.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-kunsill bagħat ċirkulari lir-residenti ta Triq il-Ponta li fil-25 t' Ottubru ser issir laqgħa fil-kunsill Lokali sabiex |

| | |
|---|---|
| | min hu interessat jiġi l-kunsill għall laqgħa ta' diskussjoni sabiex ikunu jafu dwar il-ħsieb li t-triq imsemmija issir pavimentata biex jekk ikun hemm xi suġġerimenti jew ilmenti jkunu jistgħu iressquhom f'din il-laqgħa. Residenta minn din it-Triq xtaqgħet li issir tabella biex ma jidħlux trakkijiet u r-rampa tiġi migrufa sabiex wieħed ma jiżloqx. Il-Kunsilliera ikkonfermaw li dawn is-suġġerimenti għandhom issiru. |
| 51.03.08 | Is-Sindku qara l-imejl mibgħuta mill-Akl dwar lettrini pubbliċi SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex, ejn is-Sinj. Lianne Cassar qed tinforma lil kunsilli li dan is-suġġet ser jerġa jiġi diskuss għalhekk jekk hemm xi punti li jridu jiġu diskussi il-kunsill jista' jagħmel dan sal-24 ta' Novembru 2022. |
| 51.03.09 | Is-Sindku waqt diskussjoni informa lil kunsilliera li l-letrini ser ikunu miftuħin mit-8.00 am sal-4.00pm għall ħinijiet tax-xitwa, kif ukoll fit-tmiem il-ġimgħa ser ikunu miftuħha mit-8.00am sat-8.00pm. |
| 51.03.10 | Is-Sindku qara imejl mibgħuta mis-Sur Svetlick Flores direttur tal-Lesa fejn informa lil kunsill li x-xogħol fi Triq Sant Anġlu għandu jkun lest f' f' nofs Novembru 2022. |
| 51.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-ħaddiema tal-Gvern għandhom jiġu u jirranġaw iz-zuntier tal-knisja għaliex hemm xi madum qed jiċċaqlaq pero għal issa qegħdin jaħdmu quddiem kastilja u wara xi xogħol li għandhom f'Belt is-sebħ ser jiġu l-Isla biex jagħmlu xi xogħol u xi dawl ġdid mal-monument tal-Gwerra |
| 51.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fl-10 ta' Diċembru 2022 kien ser issir proġett ta' minjaturi ġewwa is-sala tal-kunsill iżda dan m'hux possibli li ser ikunu lesti għalhekk is-sindku talab lis-segretarju tal-kunsill sabiex tinforma lid-dipartiment li din l-attivita ser tinbidel f'kunċert minn Malta Youth Orchestra fis-sede u d-donazzjonijiet imorru għall Community Chest Fund. Is-Sindku informa wkoll lil kunsilliera bid-dati tal-attivitajiet għal-Milied fejn fl-:<br>14 ta' Diċembru 2022 ser issir L-ikla għal familja fin-Nigret<br>20 ta' Diċembru 2022 ser issir l-Attivita tal-Anzjani fis-sede<br>21 ta' Diċembru 2022 ser issir l-Party tat-tfal fis-sala tal-kunsill.<br><br>Id-dawl tal-Milied ser jinxtgħel mill-1 ta' Diċeembru 2022 sa1-10 ta' Jannar 2023 u l-Kunsill ser iħallas il-kuntrattur sabiex ikun jista' japplika mal-Arms għas-servizz tad-dawl. Fit-2 ta' Diċembru 2022 ser tinxtgħel is-siġra tal-Milied u ser issir attivita fil-Pjazza b' xarba sħuna u mince pies. Is-Siġra ser tintrama biċ-Cherry Picker. |

| | |
|---|---|
| 51.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ser jixtri l-materjal għall-istruttura tas-siġra tal-Milied fil-pjazza. |
| 51.03.14 | Is-Sindku ikkomunika mal kunsilliera li l-arċipriet Fr. Robin Camilleri bagħat ringrazzjament lil kunsill għall-kollaborazzjoni tal-kunsill mal-knisja għal żmien il-festa permezz tal-ktieb mimli bl-istorja sabiħa ta' din il-belt tal-isbaħ ġrajja u reklamar fuq il-ktieb tal-festa bħal kull sena sabiex dan il-ktejjeb issir aktar informattiv kull sena bil-kontribuzzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 51.03.15 | Is-Sindku qara imejl mibgħuta mill- manager tal-proġett Stop VIOLENCE at CGBVDV sabiex issiru tabelli biex titwaqqaf il-vjolenza domestika. |
| 51.03.16 | Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta minn Infrastructure Malta dwar Pjan ta' Ħidma 2023 – 2025 għall titjib ta' aktar toroq fil-lokalita' ta 5000 metri kwadri ta' toroq fil-konfini amministratti mill-kunsill lokali. Dawn jinkludu bankini u l-wisa' eżistenti ta' toroq skemati skont il-pjani lokali tal-Awtorita' tal-Ippjannar. L-Għan ta dan il-pjan huwa li wara li jiġi stabbilit il-lista ta' prijoritajiet tal-lista li jibgħat il-kunsill lil Infrastructure Malta jiġi diskuss pjan ta' ħidma mal-entitajiet konċernati fost oħrajn l-enemalta u l-korporazzjoni tal-ilma. |
| 51.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-proġett tan-Norway Grants li jismgħu *Promoting Social Inclusion in Isla* ser ikun hemm talba speċifika sabiex dan il-proġett jiġi estiż għas-sena 2024. |
| 51.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Pop Up Park li hemm quddiem il-Bust JB Azopardo għad baqalgħu xi affarijiet x'jiżdiedu. Il-Kunsill kull ma xtara xi pots u ħamrija u dan il-Pop Up Park ser jiġi inawgurat mill-Onor. Miriam Dalli. Il-Pop Up Park kien ġie mressaq filgħaxija stess minn xi tfal kbar u għalhekk it-Tnejn filgħodu l-Kunsill ħa ħsieb li jinvita l-injam mal-art. Dak inhar stess daħħlu xi ilmenti li t-tfal m'għandhomx fejn jilgħabu għalhekk il-grawnd tal-futbol ser jibda jinfetaħ il-ħin kollu u meta jkun ser jintuża minn xi entita' issir Notifika mal-Gate li qed jintuża għal xi logħoba minn xi għaqda. |
| 51.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fil-5 t' Ottubru kien hemm seduta il-Qorti dwar il-Gallarija li qeda fil-periklu fi Triq San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill għadu qed jirċievi s-sentenza dwar din is-seduta. |
| 51.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fil-25 u 26 ta' Novembru ser ikun hemm il-laqgħa Plenarja f' Għawdex fejn ser jgħattendu l-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill is. Sinj. Graziella Gellel. |

| | |
|---|---|
| 51.03.21 | Is-Sindku informa il-kunsilliera preżenti li fit-28 t' Ottubru ser ikun hemm laqgħa tad-Development Planning Funds fir-Radisson resort San Ġiljan li għal din il-laqgħa ser tatendi is-segretarju eżekuttiv flimkien mas-sindku. |
| 51.03.22 | Is-Sindku informa li l-kunsilliera li l-viċi sindku attenda għal-laqgħa tal-Fun Run Cir AKL 2022/103 il-Ġimgħa 28 t' Ottubru, min irrid jista jiġi l-kunsill jinkiteb u jħalli donazzjoni ta 10 ewro u jingħata flokk u voucher. |
| 51.03.23 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ħarġet skema fuq affarijiet innovativi fejn il-kunsill ser japplika għall fondi sabiex issiru electric bollards fix-xatt u tkun tista tingħalaq fix-xhur tas-sajf, kif ukoll issir apparat fejn dan l-apparat/ pannelli li ikun jista' jaqra l-pollution li hawn fil-lokalita u b'hekk ir-residenti jkunu jafu kemm qeda it-tniġġies tal-arja fit-tlett postijiet fl-Isla, fuq is-Sur, fejn il-venda u x-xatt, kif ukoll issiru cameras sabiex il-lokalita ikollha records ta' kemm karozzi qed jidħlu ġewwa l-belt tal-Isla, kif ukoll is-sistema tal- cameras issir billi tinqara in-numru tal-vettura biex b'hekk is-sitema tun taf jekk dan għandux permess li jidħol mix-xatt għal dawk ir-residenti li joqgħodu ix-xatt u li għandhom il-ġaraxxijiet u ħwienet ix-xatt. Ir-residenti l-oħra jew min jiġi iżżur il-lokalita' tagħna ser ikunu jinfurmati permezz ta ' tabelli li jekk tinqabad ġewwa wara dawn il-bollards min ħin sa ħin ma jkunux jijstgħu joħorġu sa wara dak il-ħin li jkun ġie stipulat, il-bollards jinfetħu għall vetturi ta' emerġenza. Din ukoll ser issir biex jinqara l-ispeed tal-vetturi. Il-Minimum ta' dawn il-fondi huma ta' 25000 ewro u l-massimu ta' 100,000 ewro. |
| 51.03.24 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li s-Sindku ġie infurmat mis-Sur Matthew Dimech dwar is-sistema tal-magna tal-ġabra tal-fliexken tal-plastic sabiex flimkien issibu lokazjoni ġewwa l-lokalita' tal-Isla fejn dan il-kontenitur jista jitqiegħed. Is-Sur Dimech issuġġerixxa li jsir ftehim mal-AUM biex dan il-kontenitur tal-ġabra tal-flixken jitpoġġa f'dik il-wesa'. |
| 51.03.25 | Il-Kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar assistit għal-laqgħa tal-coding fil-21 t' Ottubru 2022 fl-iskola primarja li għal din il-laqgħa attendew numru mhux ħażin. Kif ukoll is-Sinj Corinne Buhagiar ser itella' attivita fit-28 t' Ottubru 2022 fejn ser tiġi mistiedna Nutrionist u wara ser ikun hemm tombla għal dawk li jattendu għal din il-laqgħa informattiva. |
| 51.03.26 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mas- Sur Gerardo Monopoly u jixtieq jorganizza xi attivita ghax xahar ta April / Mejju 2023 ghat-tfal. Diga iltaqa mas-Salesjani u xi għaqdiet oħra biex jieħdu sehem fiha. L-attivita qed jorganizza volontarjament |

| | |
|---|---|
| | igifieri m'hemmx flus involuti. Din kienet ser issir qabel il-pandemija u baqgħet ma saritx għalhekk is-Sur Gerardo jixtieq li jerġa jieħu ċ-ċans li ssir din l-attivita forma ta quiz mal-iskejjel kemm tal-Gvern kif ukol tal-knisja. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din l-attivita. |
| **51.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 51.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-Kunsill jagħti informazzjoni f'hix waslet l-applikazzjoni għad-dawl ta' Triq il-Vitorja ?<br><br>Is-sindku irrisponda li din hija applikazzjoni mal-EU u għad m'hemmx l-implimintazzjoni ta' din l-applikazzjoni. |
| **51.5** | **Rapporti** |
| 51.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Settembru 2022 *u Petty Cash* għax-xahar t' Ottubru 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| 51.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2022 fejn dan jirriżulta is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill sa dan it-tielet kwart jinsab pożżittiv. Il-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt apporva dan id-dokument u ġie assekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **51.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 51.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 10/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u l-viċi sindku s-Sur Anthony Bonavia. |

| | |
|---|---|
| **51.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 51.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022 fl-4:00p.m |

Konfermati, illum 24 ta' Novembru 2022

IFFIRMATI
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv